**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 21 ta' Gunju, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 10/2023 AF**

**HSBC Bank Malta plc (C-3177)**

**vs**

**Mario Vella**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c., li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-intimat hu debitur tas-socjetà attrici fl-ammont ta' €33,333.02 u cioè €28,412.14 in kwantu kapital u €4,920.88 bhala imghax ikkalkulat sal-4 ta' Jannar 2023, liema ammont huwa dovut mill-intimat wara li l-attrici sellfet lilu somma tramite facilità ta' Home Loan li giet koncessa permezz ta' kuntratt fl-atti tal-Nutar Anthony Abela datat 8 ta' Novembru 2020 wara l-hrug ta' *Sanction Letter* datata l-1 ta' Settembru 2000.

L-intimat naqas milli jaghmel dawk il-pagamenti mensili kif stipulati a tenur l-istess *Sanction Letter*, b'dan illi ddekada mill-beneficcju taz-zmien.

Ghalkemm interpellat sabiex ihallas l-ammont dovut, anki permezz ta' ittra ufficcjali (bin-numru 2168/2019), l-intimat baqa' ma hallasx.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-konvenut m'onorax il-pagamenti miftiehma u b'hekk huwa ddekada mill-beneficcju taz-zmien.

2. Tiddikjara li l-istess konvenut huwa debitur tal-Bank attur fis-somma kumplessiva ta' €33,333.02 oltre l-imghax legali ulterjuri ta' 8% fis-sena mill-4 ta' Jannar 2023 sad-data tal-pagamenti finali liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat.

3. Tikkundanna l-istess konvenut ihallas, is-somma ta' €33,333.02 (tlieta u tletin elf tlett mija u tlieta u tletin Ewro u zewg centezmi) oltre l-imghax legali ulterjuri ta' 8% mill-4 ta' Jannar 2023 sad-data tal-pagament finali.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datat 2166/2019 u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax ulterjuri skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li minkejja li gie debitament notifikat, l-intimat Mario Vella baqa' ma ressaq ebda tweġiba għall-kawża. Lanqas ma ressaq ebda sottomissjoni bil-miktub minkejja li kellu l-fakoltà jaghmel dan.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tqis li t-talbiet tal-Bank rikorrenti huma pruvati sal-grad rikjest mill-liġi dawn għandhom għalhekk jintlaqgħu. Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghad-dikjarazzjoni guramentata u d-dokumenti pprezentati in atti.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li Mario Vella m'onorax l-obbligi minnu assunti fuq kuntratt ta' faċilità ta' Home Loan datat 8 ta' Novembru 2020 in atti tan-Nutar Anthony Abela.

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-istess Mario Vella huwa debitur ta' HSBC Bank Malta p.l.c. fl-ammont komplessiv ta' tlieta u tletin elf u tlett mija u tlieta u tletin Ewro u żewġ ċentezmi (€33,333.02c) oltre l-imgħax legali ulterjuri mill-4 ta' Jannar 2023 sad-data tal-pagament effettiv.

3. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lil Mario Vella jħallas lil HSBC Bank Malta p.l.c. is-somma ta' tlieta u tletin elf u tlett mija u tlieta u tletin Ewro u żewġ ċentezmi (€33,333.02c) bl-imghaxijiet mill-4 ta' Jannar 2023 u bl-ispejjez u imgħaxijiet ulterjuri kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu minn Mario Vella.

IMHALLEF

DEP/REG